# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.5

**Kap 2: Ejja nsiru Aħjar**

**Lezzjoni 2: Nazaret – il-vilaġġ ta' Ġesù**

**L-għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu għalfejn Ġesù kien imur is-sinagoga.
2. Jitgħallmu dwar is-sinagoga ta' Nażaret.
3. Jisimgħu dwar il-villaġġ u l-mod ta' ħajja li kien jgħix fiha Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Intervista ma' Ġesù
- L-ewwel snin ta' Ġesù ppp
- 2.5 worksheet



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Wara li rajna x'għandhom ikunu d-dmirijiet tagħna fid-dar u l-iskola, issa nduru lejn l-aqwa ħabib tagħna, Ġesù, u naraw kif kien jgħix.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Ibda billi turi u tispjega ppp L-ewwel snin

2. Spjega: Bħal kull student ieħor, Ġesù kellu isfidi tiegħu. Fil-kultura tiegħu, it-tfal kienu jgħinu lill-tagħhom fix-xogħol biex jgħixu l-ħajja fqira li kellhom.

3. Ġesù kien *ifittex ħin* biex jistudja. F'moħħu kien jaf eżatt x'missjoni kelli jwettaq la jikber. U minn ċkunitu ried jaħdem għaliha. Ġesù kien ukoll *iwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala Lhudi. Kien imur is-sinagoga kull nhar ta' Sibt u jipparteċipa.* Meta qabbduh jaqra silta mill-Ktieb tal-Profeta Isaija, sabuh ippreparat għaliha tant li stagħġbu bl-għerf tiegħu.

4. Ġesù kien ukoll tifel miġbur u ubbidjenti. Sakemm beda l-missjoni tiegħu li għaliha ġie msejjaħ baqa' jgħix ma' ommu u missieru fid-dar tagħhom ta' Nażaret. *Hemmhekk baqa' jikber fil-għerf, fit-tul u fil-grazzja ma' Alla u mal-bnedmin.*

5. *Aqra Intervista ma' Ġesù.*

6. Staqsi lit-tfal x'għoġobhom l-aktar f'dan it-tagħrif.

7. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.5 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jirrevedu filwaqt li jiddiskutu flimkien  Attività 1. Wara jkun hemm ħin biex huma jimlew il-vojt fil-kaxex.

8. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti  mat-tfal biex huma jaslu li jgħaqqdu s-sentenzi t-tajba.

9. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar l-esperjenza tagħhom fil-knisja.

10. Agħlaq bit-talb tagħhom stess.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Meta nħarsu lejn il-kultura li fiha għex Ġesù, naraw li barra li kien jgħin lill-ġenituri tiegħu, Ġesù kien iwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala Lhudi. Kien jieħu l-Iskrittura Mqaddsa bis-serjetà.

2. Għal-Lhud, is-sinagoga kienet il-post l-aktar imqaddsa, fejn fiha jinġabru biex jitolbu u jistudjaw l-ISKRITTURA.

3. Nies importanti kienu joqogħdu fuq il-bankijiet, waqt li dawk fqar fl-art.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Ġesu' kien jaf sew x'inhuma d-dmirijiet tiegħu. Kien jaf sew x'kien il-*mission statement* ta' ħajtu. Huwa ġie fid-dinja bħala l-Emmanuel, il-Messija. It-tfal juru impenn biex jaraw x'inhu l-*mission statement* ta' ħajjithom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



## Nitolbu

Ġesù, għinni nagħraf it-Tajjeb mill-Ħażin.

Ibgħat l-Ispirtu Tiegħek fuqi biex jgħinni

nieħu l-aħjar deċiżjonijiet f'kull sitwazzjoni

li niltaqa' magħha, u biex dejjem nimxi i

mar-Rieda Tiegħek għalija.

